Nru./No. 20,789
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 21 ta' Frar, 2022
Monday, 21st February, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1885 - 1886
Government Notices ..... *1885 - 1886*

Avviżi tal-Qorti ..... 1886 - 1888
Court Notices ..... *1886 - 1888*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 242

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI
(KAP. 354)

NGĦARRFU b'din illi s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika tiddikjara l-COVID-19 (SARS/COV/2) bħala marda notifikabbli skont artikolu 77(g) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġu stabbiliti postijiet tal-votazzjoni speċifiċi u arranġamenti ta' votazzjoni oħra ad hoc għal dawk il-votanti reġistrati li nhar is-Sibt, 26 ta' Marzu, 2022, ikunu qegħdin ibatu minn COVID-19 (SARS/COV/2) jew ikunu qegħdin fi kwarantina mandatorja relatata ma' COVID-19 (SARS/COV/2).

IL-PROF. CHARMAINE GAUCI
Supretendent tas-Saħħa Pubblika

Il-21 ta' Frar, 2022

Nru. 243

ARTIKOLU 2 TAL-ORDNI DWAR L-ESTENSJONI TAL-PROJBIZZJONI FUQ L-IVVJAĠĠAR LEJN IL-PAJJIŻI KOLLHA LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA 465.26 U L-ARTIKOLU 2 TAL-ORDNI DWAR IL-PERJODU TA' KWARANTINA LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA 465.13

IS-SUPRETENDENT tas-Saħħa Pubblika qiegħda hawn tavża illi s-segwenti ċertifikati ta' tilqim b'vaċċini approvati mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini huma aċċettati mill-21 ta' Frar, 2022.

Ċertifikat ta' tilqim elettroniku tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel COVID-19 (bl-użu tal-app Verifly).

Ir-Repubblika tal-Angola – Ċertifikat Diġitali – Tilqim kontra COVID-19.

Ministerio de Salud, l-Arġentina – Vaċċini Covid-19.

Brażil – Certificado Nacional de Vacinação Covid-19 (bl-użu tal-app ConecteSUS).

Ir-Renju tal-Eswatini – Ċertifikat tat-Tilqim tal-COVID-19.

Ir-Repubblika tal-Kenja – Ċertifikat tat-Tilqim tal-COVID-19.

Ċertifikat tat-Tilqim tal-COVID-19 tal-Ministeru tas-Saħħa tar-Repubblika Kirgiża.

GOVERNMENT NOTICES

No. 242

GENERAL ELECTIONS ACT
(CAP. 354)

IT is hereby notified that the Superintendent of Public Health declares COVID-19 (SARS/COV/2) as a notifiable disease in terms of article 77(g) of the General Elections Act. Therefore there shall be designated polling places and other ad hoc voting arrangements for those registered voters who on Saturday, 26th March, 2022, are suffering from COVID-19 (SARS/COV/2) or are in mandatory quarantine related to COVID-19 (SARS/COV/2).

PROF. CHARMAINE GAUCI
Superintendent of Public Health

21st February, 2022

No. 243

ARTICLE 2 OF THE TRAVEL BAN (EXTENSION TO ALL COUNTRIES) ORDER SUBSIDIARY LEGISLATION 465.26 AND ARTICLE 2 OF PERIOD OF QUARANTINE ORDER, 2021 SUBSIDIARY LEGISLATION 465.13

THE Superintendent of Public Health hereby notifies that the following vaccination certificates with European Medicines Agency approved vaccines shall be accepted as from the 21st February, 2022.

Republic of South Africa COVID-19 e-vaccination certificate (using Verifly app).

Republic of Angola – Digital Certificate – Vaccination against COVID-19.

Ministerio de Salud, Argentina – Covid-19 Vaccination.

Brazil - Certificado Nacional de Vacinação Covid-19 (using ConecteSUS app).

Kingdom of Eswatini – COVID-19 Vaccination Certificate.

Republic of Kenya – COVID-19 Vaccination Certificate.

Ministry of Health of the Kyrgyz Republic COVID-19 Vaccine Certificate.

Pass tat-Tilqim tar-Repubblika tal-Mawrizju COVID-19 (kif skennjat bl-użu tal-app beSafeMoris).

Ministeru tas-Saħħa – Ċertifikat tas-Sri Lanka tat-tilqim kontra l-COVID-19.

Il-Verifika taċ-Ċertifikazzjoni tat-Tilqim tal-COVID-19 tan-Niġerja.

Ċertifikat tar-Repubblika Unita tat-Tanzanija tat-tilqim kontra l-COVID-19.

Ċertifikat tat-Tilqim tal-COVID-19 tar-Repubblika tal-Uganda.

Ċertifikat tat-Tilqim tar-Repubblika tal-Jemen COVID-19.

Ċertifikat tat-tilqim tal-COVID-19 tal-Kosta tal-Avorju (bl-użu tal-app maSante CI).

Ministeru tas-Saħħa – Etjopja Ċertifikat tat-tilqim COVID-19.

Il-21 ta' Frar, 2022

Republic of Mauritius COVID-19 Vaccination Pass (as scanned using beSafeMoris app).

Ministry of Health – Sri Lanka Certificate of COVID-19 Vaccination.

Nigeria's COVID-19 Vaccination Certification Verification.

United Republic of Tanzania Certificate of COVID-19 Vaccination.

Republic of Uganda COVID-19 Vaccination Certificate.

Republic of Yemen COVID-19 Vaccination Certificate.

Ivory Coast COVID-19 Vaccination certificate (using maSante CI app).

Ministry of Health – Ethiopia Certificate of COVID-19 Vaccination.

21st February, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

259

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Diċembru, 2021, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mary Rosaria Mills vs Joseph Zerafa et, Rikors numru 783/2021NB, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Zerafa a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mary Rosaria Mills (KI 894746M) vs Joseph Zerafa (KI 504258M) u l-Awtorità tad-Djar ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-27 ta' Ottubru, 2021, ir-rikorrenti Mary Rosaria Mills (KI 894746M) talbet lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat, ai termini tal-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili, u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostituwhom jekk l-intimat jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tal-istess test tal-mezzi;

2. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi:

a) ixolji l-kirja favur l-intimat tal-fond urban 32, Triq Gioacchino Navarro, L-Imsid,

By means of a decree of the 16th December, 2021, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Mary Rosaria Mills vs Joseph Zerafa et, Application number 783/2021NB, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Joseph Zerafa in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Mary Rosaria Mills (ID 894746M) vs Joseph Zerafa (ID 504258M) filed before the Rent Regulation Board, on the 27th October 2021, the applicant Mary Rosaria Mills (ID 894746M) requested this Honourable Board to:

1. Carry out the means test of the respondent, in terms of Article 1622A of the Civil Code and any other regulations that replace them and determine if the respondent meets the criteria of the income and capital of the means test;

2. In the event that this Board finds that the respondent does not meet the criteria of the income and capital of the means test:

a) dissolve the lease in favour of the respondent of the urban property 32, Triq Gioacchino Navarro, Msida,

b) Jagħti żmien perentorju lill-intimat, li ma jkunx iżjed minn sentejn sabiex jivvaka minn dan il-fond u jirrilaxxah battal u f'kundizzjoni tajba favur ir-rikorrenti,

c) jistabilixxi l-kera pagabbli mill-intimat lir-rikorrent għall-okkupazzjoni ta' dan il-fond matul l-imsemmi perjodu;

3. F'każ li dan il-Bord isib li l-intimat jissodisfa l-kriterji tad-dħul u l-kapital tat-test tal-mezzi jirrevedi l-kera pagabbli mill-intimat għar-rigward ta' dan il-fond 32, Triq Giacchino Navarro, L-Imsida, għal ammont sa 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond mill-1 ta' Jannar, 2021, u jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-kera ogħla hekk rivedut bl-istess skadenzi kurrenti jew b'modalitjiet differenti kif dan il-Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa' inġunt minn issa għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra kompetenti lir-rikorrenti jekk ikun il-każ.

Rikorrenti: Mary Rosaria Mills, C9, Hilltop Gardens, Triq l-Inkwina, In-Naxxar

Intimat: Joseph Zerafa, 32, Triq Gioacchino Navarro, L-Imsida

L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Mary Rosaria Mills vs Joseph Zerafa et, Rikors numru 783/2021NB, jinsab differit għall-25 ta' Frar, 2022, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

b) give the respondent a period of time, not exceeding two years to vacate the premises and release its vacant possession in good condition to the applicant,

c) establish the rent payable by the respondent to the applicant for the occupation of the premises during the said period;

3. In the event that this Board finds that the respondent meets the criteria of the means tests for income and capital, revise the rent payable by the respondent for the premises 32, Triq Giacchino Navarro, Msida, for the amount of 2% per annum of the free and open market value of the premises from 1st January, 2021, and condemns the respondent to pay the applicant the increased rent as revised with the same current installments, or with different modifications as this Board deems fit and opportune.

With costs against the respondent who is hereby summoned so that a reference to his oath be made and reserving the right to any other action by the applicant if the case may be.

Applicant: Mary Rosaria Mills, C9, Hilltop Gardens, Triq l-Inkwina, Naxxar

Respondent: Joseph Zerafa, 32, Triq Gioacchino Navarro, Msida

Housing Authority

The application in the names Mary Rosaria Mills vs Joseph Zerafa, Application number 783/2021NB, has been postponed for hearing to the 25th February, 2022, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 17th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

260

B'digriet tas-16 ta' Frar, 2022, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Bank of Valletta plc (C2833) fl-14 ta' Frar, 2022, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €150,000 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 27/20 fl-ismijiet Bank of

By a Decree of the 16th February, 2022, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Bank of Valletta plc (C2833) on the 14th February, 2022, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €150,000 following

Valletta plc (C2833) vs Carlo Montebello et miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fis-16 ta' Frar, 2022.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-Erbgħa, 16 ta' Frar, 2022

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

judicial sale by auction 27/20 in the names Bank of Valletta plc (C2833) vs Carlo Montebello et held under the Authority of the said Court on the 8th February, 2022.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts this Wednesday, 16th February, 2022

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

261

B'digriet tat-28 ta' Ottubru, 2021, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Edwin Borg fil-21 ta' Ottubru, 2021, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €347,000 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 19/21 fl-ismijiet Edwin Borg vs l-Avukat Leontine Calleja et noe miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru, 2021.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum il-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru, 2021

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a Decree of the 28th October, 2021, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Edwin Borg on the 21st October, 2021, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €347,000 following judicial sale by auction 19/21 in the names Edwin Borg vs Dr Leontine Calleja et noe held under the Authority of the said Court on the 19th October, 2021.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts this Friday, 29th October, 2021

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603